# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors numru 780/17/1 TA**

**Raymond Grech**

**v.**

**Malta Freeport Terminals Limited (C27581)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-kumpanija konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, kif ukoll appell inċidentali tal-attur Raymond Grech, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' April, 2021, li biha: (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-Malta Freeport Terminals Limited, fosthom dik dwar li l-azzjoni tal-attur waqgħet bil-

preskrizzjoni ta' sena skont l-**Artikolu 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili** jew inkella b'dik ta' sentejn skont l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**; u (ii) fil-kumplament, laqgħet it-talbiet ta' Raymond Grech billi kkundannat lil Malta Freeport Terminals Limited sabiex tħallsu s-somma ta' €10,599.71 bħala danni li jikkonsistu f'telf ta' paga, bl-imgħax legali mill-jum tat-3 ta' Lulju 2017 u bl-ispejjeż tal-kawża, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju bin-numru 259/2016.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-28 ta' Awwissu, 2017, Raymond Grech fisser li huwa għamel għadd ġmielu ta' snin jaħdem mal-kumpanija konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, u baqa' jaħdem magħha sakemm laħaq l-età tal-irtirar fit-3 ta' Lulju, 2017.

3. Qal li fl-10 ta' Mejju, 1993, huwa kien ittella' formalment fil-grad ta' *«F1 Operator»*, però fit-8 ta' Novembru tas-sena 2006 huwa tneħħa minn tali grad u tniżżel għal dak ta' *«F Equipment Operator»*, fuq ordni ta' ċertu John Portelli, li f'dak iż-żmien kien jaħdem bħala direttur tar-riżorsi umani mal-kumpanija konvenuta.

4. Minbarra li stqarr li huwa ma kienx ingħata xi raġuni wara dik id-deċiżjoni, u wisq inqas ċans li jsemma' leħnu, ilmenta li tali deċiżjoni

għamlitlu wkoll il-ħsara billi ġabet fuqu kundizzjonijiet ta' xogħol agħar milli kellu qabel, fosthom dawk ta' tnaqqis fil-paga bażika, u telf ta' benefiċċji oħrajn bħal dawk marbuta mal-kwantità ta' produzzjoni, sahra u dak li rrefera għalih bħala *«quay crane incentive voucher allowance.»*

5. Għalaq billi qal li fis-sena 2016 huwa kien bagħat protest ġudizzjarju li bih talab lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallsu d-danni kollha li ġarrab, u peress li hija ma għamlet xejn minn dak li talabha, huwa kellu jibda din il-kawża li fiha talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata ma kellhiex jedd li tordna tnaqqis fil-grad tal-impjieg tar-rikorrent u li għalhekk tali tnaqqis fil-grad sar bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tar-rikorrent;*
>
> *2. Tiddikjara li tali tnaqqis fil-grad tal-impjieg tar-rikorrent ikkawża danni u telf lir-rikorrent, inkluż tnaqqis fil-paga bażika kif ukoll tnaqqis f'allowances u benefiċċji oħrajn fosthom dawk relatati ma' produzzjoni, sahra u quay crane incentive voucher allowance;*
>
> *3. Tillikwida d-danni u t-telf sofferti mir-rikorrent, inkluż tnaqqis fil-paga bażika kif ukoll tnaqqis f'allowances u benefiċċji oħrajn fosthom dawk relatati ma' produzzjoni, sahra, quay crane incentive vouchers fost benefiċċji oħra, bin-nomina ta' perit nominandi jekk ikun il-każ;*
>
> *4. Tikkundanna lis-soċjetà intimata għall-ħlas tad-danni u telf kif hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inkluż l-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju surreferit bin-numru 259/2016 preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra s-soċjetà intimata li qiegħda minn issa tiġi inġunta għas-subizzjoni u bir-riżerva għal kull azzjoni fil-liġi, bl-imgħax skont il-liġi.»*

6. Bi tweġiba maħlufa tal-15 ta' Settembru, 2017, Malta Freeport Terminals Limited laqgħet għal din il-kawża billi qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Il-preskrizzjoni ta' sena a tenur tal-Art. 2147 (c) u ta' sentejn a*

*tenur tal-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, illi ebda ammont ma hu dovut lir-rikorrenti.»*

7. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' April, 2021, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-eċċezzjonijiet ta' Malta Freeport Terminals Limited ma kinux mistħoqqa, u laqgħet it-talbiet tal-attur Raymond Grech billi llikwidat id-danni mitluba minnu fl-ammont ta' €10,599.71. Fid-dawl ta' dan, l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenuta Malta Freeport Terminals Limited sabiex tħallsu dawk id-danni, flimkien mal-imgħax legali mill-jum tat-3 ta' Lulju, 2017 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża u tal-protest ġudizzjarju bin-numru 259/2016.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

*« Konsiderazzjonijiet*

*8. Bl-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha s-soċjetá konvenuta tissolleva l-estinzjoni tal-azzjoni tal-attur bis-saħħa tal-preskrizzjonijiet partikolari taħt l-**Artikoli 2147(c) u 2153 tal-Kodiċi Ċivili**.*

*9. L-**Artikolu 2147(c)** jimponi preskrizzjoni ta' sena f'azzjonijiet għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li persuni mħallsin bix-xahar jkollhom jieħdu, filwaqt li l-**Artikolu 2153** jimponi preskrizzjoni ta' sentejn f'azzjonijiet għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat.*

*10. Iżda kif ġa kkunsidrat supra, din l-azzjoni fl-assjem tagħha la hija waħda għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, salarji jew fornituri u lanqas waħda għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat. Joħroġ ċar u inekwivoku minn eżami tal-kawżali u t-talbiet mressqa mill-Attur li l-azzjoni minnu esperita hija waħda għal danni mnissla minn inadempjenza kuntrattwali fis-sens tal-**Artikolu 1125 tal-Kap. 16**.*

*11. Ġie osservat minn din l-istess Qorti fil-kawża **Paul Duca v.***

***Korporazzjoni Enemalta** mogħtija fis-7 ta' Lulju 2017, is-segwenti:*

*"12. Dawn il-Qrati dejjem sostnew li ż-żmien tal-preskrizzjoni irid jitqies b'referenza għall-azzjoni kif imfassla (ara s-segwenti sentenzi fuq dan il-punt u ċjoè:- App. Ċiv. 5.4.1993 fil-kawża fl-ismijiet **Quintano v. Calleja et (**Kollez.Vol: LXXVII.ii.269), App.Kummerċjali 1964 fil-kawża fl-ismijiet **Calleja v. Vella** (Kollez. Vol: XLVIII.i.603); App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Guido Vella v. Emanuel Cefai** (mhix pubblikata); App. Ċiv. 24.3.1958 fil-kawża fl-ismijiet **Borg v. Testaferrata Bonnici** (Kollez. Vol: XLII.i.153) u Kumm. 29.11.1971 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Calleja v. Anthony Portelli noe** (mhix pubblikata), App. Inf per Imħallef Philip Sciberras 5.3.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Francis Fenech v. Thomas Montaldo**.*

*13. Fil-kors tat-trattazzjoni tal-Avukat tal-attur (a fol 115) saret mistoqsija mill-Qorti:-*

> *«Però nixtieq inkun naf Dott, il-bażi tad-danni reklamati mis-Sur Duca huma danni kontra t-tali (presumibilment riedet titniżżel bħala kuntrattwali) jew akwiljani?» (kliem angolat ta' din il-Qorti). It-tweġiba kienet:- «Danni għall-termini tal-kuntratt tax-xogħol tiegħu». Ma dan irid jingħad, illi kemm il-kawżali tar-rikors ġuramentat u kif ukoll it-talbiet, għandhom ħafna aktar mill-azzjoni tal-inadempjenza kuntrattwali milli mis-sempliċi domanda għall-ħlas mittiefsa minn kull konsiderazzjoni oħra.*

*14. Fl-ewwel talba tar-rikors ġuramentat, din il-Qorti ġiet adita sabiex tagħti dikjarazzjoni li «l-Korporazzjoni konvenuta kienet obbligata illi terġa' tpoġġi lura lir-rikorrent f'xogħlu ta' 'service despatcher' bis-sistema tax-'shift allowance' ... ...». Fit-talbiet sussegwenti, ma hijiex tintalab xi somma determinata in via ta' ħlas, frott ta' xogħol jew servizzi li diġà ngħataw, b'mod li tali talba setgħet tkun kumbattuta bil-preskrizzjonijiet partikolari sollevati mill-Korporazzjoni konvenuta.*

*15. Dak li qed jintalab li jkun likwidat huwa pjuttost in linea ta' flejjes mitlufa milli flejjes dovuti, iżda mhux imħallsin. Jekk l-attur għandux dritt għal dawn ix-xorta ta' danni huwa argument ieħor, li ser ikun ikkunsidrat aktar 'l isfel. Ai fini tal-kawża odjerna, il-Qorti tħoss, li l-azzjoni li qed tkun eżerċitata hija dik naxxenti minn danni kuntrattwali. Għamlet tajjeb għalhekk il-Korporazzjoni konvenuta, li laqgħet għal din l-eventwalità bl-eċċezzjoni fil-mertu, li tat in subsidium għal dik tal-preskrizzjoni. ...*

*17. Meta si tratta ta' preskrizzjoni, din dejjem għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabbiltà taż-żmien preskrittiv, dak id-dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni (**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited v. Dismar Company Limited** deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2004, u **Ellul noe v. Vella noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001). Dan qiegħed jingħad peress illi l-Korporazzjoni konvenuta qed tippretendi li l-azzjoni tal-attur hija estinta bis-saħħa tal-perjodi brevi u qosra taħt Artikoli 2147 jew 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Iżda għar-raġunijiet fuq imsemmija dan ma hux il-każ fil-kawża odjerna, stante li dawn il-perjodi preskrittivi ma humiex applikabbli għal danni ex-contractu.*

> *18. Il-preskrizzjoni hija Istitut li min-natura tiegħu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika għalih il-liġi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jġibx fix-xejn il-għan li għandu jsir ħaqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni. Di più fis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2003 fil-kawża* ***Stencil Pave (Malta) Ltd v. Deguara et noe*** *(PA/JRM) il-Qorti rriteniet illi «hija regola ewlenija fil-proċedura, li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmeri li għadda z-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq.»*
>
> *19. Għalhekk fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u tal-fatt li l-azzjoni odjerna hija waħda mnissla mill-inadempjenza kuntrattwali, il-Korporazzjoni konvenuta bix-xorta ta' preskrizzjoni li eċċepiet, ma tistax tirnexxi fl-argument, li l-azzjoni li qed tkun esperita mill-attur hija estinta bis-saħħa tal-perjodi imsemmija* ***f'Artikoli 2147 jew 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta****. Dan stabbilit ġaladarba ma ngħatat ebda eċċezzjoni oħra kwantu jirrigwarda l-preskrizzjoni, il-Qorti hija b'idejha marbuta. Kull eċċezzjoni oħra, jekk hemm, ta' preskrizzjoni, fil-kamp ċivilistiku ma hijiex sollevabbli ex officio. (****Perit Victor Muscat v. Edgar Tabone****, Appell Ċivili, 18 ta' Frar 1963;* ***Paul Xuereb v. Amabile Fiott****, Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Diċembru 1975).»*

*12. Din Il-Qorti tagħmel tagħha r-raġunament ċitat, u għalhekk b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u sejra tgħaddi biex teżamina l-mertu.*

*13. Ir-relazzjonijiet industrijali flimkien mal-kundizzjonijiet ta' impieg bejn il-kontendenti kienu regolati minn ftehim kollettiv u mhux minn xi kuntratt partikolari ta' bejniethom (ara dok SVI a' fol 81). Dwar x'inhuma l-effetti ta' ftehim kollettiv dawn il-Qrati esprimew irwieħhom hekk:*

> *«Hu paċifiku illi ftehim kollettiv għandu bħala oġġett li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xogħol tal-impjegati u li inoltre ftehim bħal dan jippresupponi dejjem li almenu meta ġie ffirmat, dan ikun magħmul f'isem il-maġġoranza (ħamsin fil-mija u wieħed) tal-impjegati. Għalhekk hu meqjus bħala kuntratt, u allura għandu jiġi rispettat u osservat fit-termini tiegħu kif jesprimu l-volontà taż-żewġ kontraenti (ara Sentenza fl-ismijiet* ***Angelo Fenech noe v. Joseph Tabone nomine*** *deċiża fit-13 ta' Marzu, 1995 mill-Qorti tal-Appell).*

*14. Il-Qorti tfakkar, li differentement mis-sistema anglossasonu f'dan il-qasam tal-liġi, ġaladarba l-liġi tagħna tqis dan ix-xorta ta' ftehim bħala kuntratt, dan ifisser li konsonantament mal-prinċipju antik ta' pacta sunt servanda, il-kuntratti huma liġi bejn il-partijiet. Dan il-prinċipju huwa ġuridikament sabtifikat* ***f'Artikolu 992 (1) tal-Kodiċi Ċivili*** *li jiddisponi espressament li «Il-kuntratti magħmula skont il-liġi*

*għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom». Għalhekk din il-Qorti meta dawn il-Qrati jgħallmu li r-relazzjonijiet ġuridiċi li jemanu minn ftehim kollettiv li indubbjament jikkostitwixxu kuntratt bejn il-firmatarji tiegħu u ċjoè bejn il-Bank u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, kienu relazzjonijiet li jemanu ex contractu u bħala tali sindikabbli mill-Qrati ordinarji (Ara sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet* ***Joseph Sammut v. Francis Vassallo nomine et****).*

*15. Dan ifisser li sabiex tiddetermina jekk seħħitx l-inadempjenza kuntrattwali reklamata mill-attur, din il-Qorti trid tara taħt liema klawsola tal-ftehim kollettiv (kif kien viġenti fiż-żmien li seħħet din id-dimissjoni) meta s-Sur John Portelli, qua human resources manager tal-Kumpanija Konvenuta, sejjaħ lill-Attur biex minn Quay Crane Operator f'kategorija F1 huwa jibda jaħdem fi grad anqas ta' Rail Mounted Gantry Operator f'kategorija F.*

*16. Il-ftehim jikkontempla tnaqqis fil-grad f'żewġ istanzi biss: dik prospettata fil-klawsola 21 para D (a fol 92) li tirregola l-ħlas għal xogħol fi grad inqas, u dik prospettata fil-klawsola 34 para A (a fol 99) li tirregola tnaqqis fil-grad minħabba nuqqas ta' xogħol. Il-Qorti tqis, li għandha l-ewwel tiddetermina jekk id-dimossjoni tal-Attur saritx minħabba nuqqas ta' xogħol. Dan fid-dawl ta' dak li tipprovdi klawsola 34 para A ta' dan il-ftehim kollettiv.*

*17. Għalkemm l-Attur jippremetti li huwa ġie mniżżel mill-grad mingħajr ma ngħata raġuni (ara premessa 3 fol 1), jirrizulta b'mod inkonfutabbli mill-atti (kif ġa espost fil-fatti senjalati supra), inkluż mill-affidavit tiegħu stess a fol 24 para 5 sa 8, li r-raġuni għal din id-dimossjoni ġiet fil-fatt mogħtija. Din kienet li l-production tiegħu kienet baxxa.*

*18. Dan loġikament ifisser li huwa eskluż li l-attur tniżżel fi grad inqas minħabba nuqqas ta' xogħol skont kif tikkontempla l-klawsola 34 para A tal-ftehim imsemmi (ara fol 99). Dan huwa wkoll konfermat minn Robert Paris, Port Facility Security Officer fi ħdan is-soċjetà konvenuta (ara a' fol 38). Isegwi għalhekk li l-unika raguni li kien fadal sabiex l-attur ikun dimoss kellha issir a tenur tal-klawsola 21 para D tal-ftehim kollettiv.*

*19. It-tieni parti ta' din il-klawsola tippreskrivi li «Il-Management għandu d-dritt li jsejjaħ impjegati biex jaħdmu fi grad inqas, imma mingħajr telf fil-paga.» Joħroġ għalhekk ai fini tal-ewwel talba, li l-klawsola 21 para D tal-ftehim kollettiv kienet tagħti kull dritt lis-Sur John Portelli li jagħmel kif għamel u jsejjaħ lill-Attur biex jaħdem fi grad inqas, kienet x'kienet ir-raġuni wara din is-sejħa u konsegwenzjali dimossjoni u irrispettivament jekk l-istess kinitx fondata jew le. Li ma setax jagħmel, li b'konsegwenza t'hekk inaqqas il-paga tal-Attur. Skont l-istess klawsola s-Sur Portelli seta' jnaqqas il-grad «mingħajr telf fil-paga», jiġifieri mingħajr ma jtellef xejn mill-ħlas tal-paga li l-Attur kien jipperċepixxi bħala F1 Quay Crane Operator qabel ma ġie hekk*

*imsejjaħ biex jaħdem fi grad inqas bħala F Mounted Gantry Operator.*

*20. Fit-termini tal-imsemmija klawsola, ġaladarba kien jokkupa l-imsemmi grad għal iktar minn 13-il sena qabel ma ġie hekk dimoss, l-attur xorta kien intitolat għal paga ta' F1 Quay Crane Operator anke wara li ġie dimoss għal grad inqas.*

*21. Tabilħaqq, tali klawsola kienet tipprekludi lis-sur Portelli milli jaqbad u jtellef il-ħlas tal-paga ta' F1 Quay Crane Operator dovuta lill-Attur. Dan sakemm ma tkunx ġiet segwita l-proċedura quddiem il-Bord ta' Dixxiplina jew il-Proċedura Għal Offiżi Żgħar kontemplata fl-Appendiċi J tal-ftehim kollettiv f'każ li r-regolamenti ta' dixxiplina ma jiġux osservati (ara appendiċi J a fol 135).*

*22. Ma hemm l-ebda prova fl-atti li b'xi mod tindika li ġiet adoperata din il-proċedura ta' dixxiplina fil-konfront tal-Attur (ara xhieda Sandro Vella, Segretarju tat-Taqsima Marittima u Avjazzjoni fi ħdan il-General Workers Union, a fol 77 faċċata 2 u fol 79 et seq). Meta ttieħdu passi ta' dixxiplina fl-1995 dawn ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-materja li qed tkun trattata f'din il-Kawża (ara fol 142 u tergo). Isegwi għalhekk, li s-soċjetà konvenuta tellfet lill-attur il-ħlas tal-paga ekwivalenti għal dik ta' F1 Quay Crane Operator bi ksur tal-klawsola 21 D tal-ftehim kollettiv inkwistjoni. Konsegwentement is-soċjetà Konvenuta trid tagħmel tajjeb għad-danni li l-attur ġarrab minħabba dan il-ksur ammontanti għad-differenza tal-paga b'konsegwenza tad-dimissjoni.*

*23. Għalkemm l-ewwel talba attriċi tirrigwarda t-tnaqqis fil-grad, minn qari tar-rikors ġuramentat u kif ukoll mit-talbiet l-oħra tar-rikors ġuramentat, l-azzjoni hija mmirata sabiex l-attur jitħallas it-telf monetarju li għamel b'konsegwenza tat-tnaqqis fil-grad inkwistjoni. Di più, din il-Qorti tosserva wkoll li l-mod, li kif konfezzjonati t-talbiet minn 2 sa 4, dawn jistgħu jkunu kkunsidrati awtonomament mill-ewwel talba peress li ma humiex strettament marbuta mal-fatt ta' jekk is-soċjetà konvenuta setgħetx tnaqqas il-grad, iżda li b'konsegwenza ta' dan it-tnaqqis, l-Attur ġie li għamel telf u sofra għalhekk id-danni. Kważi kważi fid-dawl tar-raġunament fuq imsemmi l-ewwel talba setgħet ma saritx u l-azzjoni xorta kienet tkun waħda sostenibbli u tibqa' fuq saqajha.*

*24. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel talba fis-sens li t-tnaqqis fil-grad tassew kien bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-impieg tal-attur peress li s-soċjetà konvenuta naqqset ukoll it-tnaqqis tal-paga. Ħaġa li s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tagħmel.*

*25. Ai termini tal-**Artikolu 1135 u 1137 tal-Kap. 16**, dawn id-danni jissarrfu fil-qligħ li l-attur tilef b'effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq ta' din l-obbligazzjoni, jiġifieri t-telf fil-paga ta' F1 Quay Crane Operator dovuta lill-attur. Din hija d-differenza bejn il-paga ta' operatur F1 u dik ta' operatur F għall-perjodu li jibda mit-8 ta' Novembru 2006, meta l-attur kien dimoss, sat-3 ta' Lulju 2017 li hija d-data meta l-attur*

*irtira mix-xogħol.*

*26. Fix-xhieda tiegħu, Mario Coleiro (operatur F1 fi ħdan is-soċjetà Konvenuta sa mis-sena 2000 – ara xhieda fol 171) jispjega li mal-paga bażika ta' dan il-grad ta' Operatur F1 jiġi perċepit ukoll introjtu ieħor konsistenti f'Quay Crane allowance (QCA) u incentive bonus ( ara a fol 169). Tal-ewwel jikkonsisti f'rata fissa mogħtija lill-operaturi f'din il-kategorija talli jitilgħu fuq il-crane. Mis-sena 2017 tali rata ġiet inkorporata fil-paga bħala basic wage. Tal-aħħar jikkonsisti f'ammont extra ta' xi €5.92 fis-siegħa mogħti bħala inċentiv għal kull min jgħabbi/jħott 25 container kull siegħa.*

*27. Skont it-tifsira mogħtija taħt l-**Artikolu 2 tal-Kap. 452**, «paga tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus [statutorju] li jitħallas skont l-**Artikolu 23** minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-eżekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;»*

*28. Minn din it-tifsira l-Qorti tikkunsidra li l-incentive bonus m'għandux jitqies bħala parti mill-paga ta' operatur F1 billi huwa kjarament relatat mal-produzzjoni. Il-Qorti minn naħa l-oħra tqis li la l-QCA hija relatata mal-eżekuzzjoni tax-xogħol u lanqas mal-produzzjoni. Dan qed jingħad għaliex dejjem kienet tingħata lil kull impjegat li jilħaq f'din il-kariga tant li fis-sena 2017 ġiet inkorporata fil-paga bażika (basic wage). Il-Qorti tqis għalhekk li din l-allowance għandha tiġi inkluża fil-kalkolu tat-telf tal-paga ta' operatur F1 subita mill-Attur.*

*29. Fl-atti ġew preżentati żewġ dokumenti li jelenkaw il-paga bażika gross tal-grad ta' operatur F1 fis-snin rilevanti - dak ippreżentat minn Jean Pierre Mifsud (ATR Payroll Clerk fi ħdan is-soċjetà Konvenuta a fol 161) li fih hemm elenkat ukoll il-paga bażika tal-grad ta' operatur F, u dak ippreżentat mill-istess Mario Coleiro (a fol 173). Il-figuri hemm indikati jaqblu kollha ħlief għas-snin 2007 u 2008.*

*30. Għal dawn is-sentejn il-Qorti se tqis fil-kalkolu tagħha l-ogħla ammont indikat, jiġifieri l-ammonti msemmija fid-dokument ippreżentat minn Jean Pierre Mifsud. Ma' dan l-ammont il-Qorti se żżid dak mogħti fi QCA għas-snin rilevanti. Dawn l-ammonti ġew preżentati biss minn Mario Coleiro permezz ta' Doc. 2 (a' fol 174). Peress li f'dan id-dokument mhemmx provdut ir-rata għas-sena 2006, il-Qorti tiddetermina arbitrio boni viri l-ammont għal dik is-sena bħala l-istess ammont dikjarat fis-sena 2007, jiġifieri €600.04. Mit-total imbagħad se jitnaqqas l-ammonti ta' paga bażika gross tal-grad ta' operatur F fis-snin inkwistjoni kif elenkati biss fid-dokument ippreżentat minn Jean Pierre Mifsud a fol 160. Dan il-kalkolu jirrifletti ruħu kif ġej:*

| *Sena* | *Paga F1* | *+ QCA* | *- Paga F2* | |
|---|---|---|---|---|
| *2006* | *€2,589.10* | *+ €100* | *- €2,510.37* | *= €178.73* |
| *2007* | *€16,806.43* | *+ €600.04* | *- €16,152.34* | *= €1,254.13* |
| *2008* | *€17,472.63* | *+ €555.35* | *- €16,636.85* | *= €1,391.13* |
| *2009* | *€17,946.88* | *+ €503.16* | *- €17,098.56* | *= €1,351.48* |
| *2010* | *€18,559.88* | *+ €253.42* | *- €17,696.72* | *= €1,116.58* |
| *2011* | *€18,935.98* | *+ €219.90* | *- €18,057.72* | *= €1,098.16* |
| *2012* | *€19,499.62* | *+ €391.34* | *- €18,605.98* | *= €1,284.98* |
| *2013* | *€19,711.79* | *+ €380.15* | *- €18,818.14* | *= €1,273.79* |
| *2014* | *€19,893.26* | *+ €335.43* | *- €18,999.62* | *= €1,229.07* |
| *2015* | *€19,923.42* | *+ €190.09* | *- €19,029.78* | *= €1,083.73* |
| *2016* | *€20,813.41* | *+ €260.88* | *- €19,883.53* | *= €1,190.76* |
| *2017* | *€3,709.52* | *+ €3,429.02* | | *= €280.50* |

***Total telf tad-dħul gross f'paga ta' operatur F1 = €12,733.04.***

*31. Minn dan l-ammont il-Qorti tistabbilixxi ex aequo et bono somma ta' €200 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul u sigurtà soċjali li għandha titnaqqas għal kull sena li fiha l-attur sofra t-telf fil-paga ta' operatur F1. Dan jammonta għal €2,133.33. Isegwi li t-total ta' telf ta' dħul nett f' paga ta' operatur F1 jammonta għal* ***għaxart elef ħames mija disgħa u disgħin ewro wieħed u sebgħin ċenteżmu (€10,599.71).***

*32. Dwar l-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata, huwa minnu li l-prinċipju ġenerali hu fis-sens li illiquidis non fit mora. Ir-ratio tal-massima in illiquidis non fit mora jew fi kliem ieħor in illiquidis mora non contrahitur, mora non committitur in illiquidis et incertis huwa li non potest improbus videri, qui ignorant quantum solvere debeat ċjoè: «jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas u minħabba f'hekk ma jkunx jista' jħallas u għalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. Dan il-prinċipju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit in mora» (Ara Sentenza fl-ismijiet* ***Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat per Imħallef Lino Farrugia Sacco****, Prim Awla Qorti Ċivili, tas-17 ta' Marzu 2010). Il-Qrati tagħna esprimew rwieħhom bosta drabi dwar dan il-kunċett li però jelenkaw diversi eċċezzjonijiet għalih.*

*33. Fis-Sentenza fl-ismijiet* ***Blye Engineering Company Limited v. Paolo Bonnici Limited*** *per Imħallef G Valenzia tas-16 ta' Ottubru 2002: «Din il-massima ma għandhiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm każi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, għaliex diversament tkun qiegħda tagħti vantaġġ lid-debitur. Każ bħal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minħabba ħtija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359* ***Schembri v. Dr L Buhagiar 28/2/1997.****»*

*34. Minn eżami tal-atti tal-kawża din il-Qorti tħoss li ma kienx għall-fatt li s-soċjetà konvenuta żammet id-differenza tal-ħlas tal-paga, u dan kif ma kellhiex dritt tagħmel, l-ammont likwidat aktar 'il fuq kien ikun fil-patrimonju tal-Attur fil-jum li rtira. Il-Qorti hija tal-fehma soda, li*

*apparti l-eċċezzjonijiet l-oħra li jsemmu l-Qrati, din is-sitwazzjoni timmerita wkoll li tkun ikkunsidrat bħala tali. Għalhekk l-imgħaxijiet legali fuq is-somma likwidata ser jingħataw b'effett mit-3 ta' Lulju 2017, il-jum li fih irtira l-attur.»*

9. Malta Freeport Terminals Limited appellat minn din is-sentenza b'rikors tat-23 ta' April, 2021, u filwaqt li qajmet eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li l-azzjoni tal-attur hija preskritta bi żmien ta' ħames snin skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tieħu qies ta' dik l-eċċezzjoni, tilqagħha u tħassar is-sentenza appellata għalkollox, bl-ispejjeż kollha kontra Raymond Grech.

10. Bi tweġiba mressqa fid-19 ta' Mejju, 2021, Raymond Grech fisser għalfejn l-appell ta' Malta Freeport Terminals għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż.

11. Raymond Grech inqeda bl-istess tweġiba tad-19 ta' Mejju, 2021, biex iressaq ukoll appell inċidentali. F'dak l-appell huwa talab lill-Qorti sabiex tibdel s-sentenza appellata billi: (i) tikkonfermaha sa fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta' Malta Freeport Terminals Limited u laqgħet it-talbiet tiegħu; iżda (ii) iżżid l-ammont ta' danni likwidati għall-ammont ta' €60,285.00 jew għal somma oħra, flimkien mal-ispejjeż kollha tal-proċeduri.

12. Bi tweġiba mressqa fit-8 ta' Ġunju, 2021, Malta Freeport Terminals

Limited laqgħet għall-appell inċidentali billi insistiet li l-ebda ammont ma huwa dovut lil Raymond Grech, u dan billi l-azzjoni tiegħu waqgħet bil-preskrizzjoni.

13. Inżamm smigħ fit-23 ta' Mejju, 2024, li għalih dehru l-avukati tal-partijiet, u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. B'dan l-appell il-kumpanija konvenuta Malta Freeport Terminals Limited qiegħda tfittex it-tħassir tas-sentenza appellata fuq tliet binarji. Fl-ewwel lok, hija qiegħda tinsisti li l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-azzjoni tal-attur waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sentejn kif misjuba fl-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**. Fit-tieni lok, hija ressqet eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li f'kull każ, l-azzjoni tal-attur, waqgħet bil-preskrizzjoni ta' ħames snin skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**. Fit-tielet lok, Malta Freeport Terminals Limited qiegħda mbagħad targumenta, li fil-mertu, is-sentenza appellata hija wkoll żbaljata, għaliex l-Ewwel Qorti ma fehmitx sewwa klawsola 21 tal-ftehim kollettiv, u li f'kull każ, dik il-Qorti naqset milli tqis il-ftehim li kien sar bejnha u bejn il-Union Ħaddiema Magħqudin dwar it-tnaqqis fil-grad ta' ċertu ħaddiema li ma kinux qiegħdin jilħqu ċertu livelli ta' produttività.

15. Min-naħa l-oħra, fl-appell inċidentali, l-attur Raymond Grech qiegħed jilmenta dwar l-ammont ta' danni li ġie likwidat mill-Ewwel Qorti, u f'dan is-sens qiegħed jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tagħtih ammont ferm akbar minn €10,559.71 biex issewwi l-inġustizzja mġarrba minnu.

16. Billi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija waħda minn dawk li l-liġi trid li tiġi deċiża għaliha (ara ***Joseph Micallef et v. Ruben Azzopardi et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar 2024 u l-**Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), kif ukoll għaliex jekk mistħoqqa, ikun ta' xejn li l-Qorti toqgħod tistħarreġ l-aggravji tal-partijiet dwar il-mertu ta' din it-tilwima, il-Qorti sejra tkun qiegħda titlaq billi qabel xejn tqis l-aggravju ta' Malta Freeport Terminals Limited dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri tal-istess Malta Freeport Terminals Limited, li fiha hija qiegħda tisħaq, li f'kull każ, l-azzjoni ta' Raymond Grech waqgħet bil-preskrizzjoni ta' ħames snin, hekk kif imniżżla fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

17. Sa fejn Malta Freeport Terminals Limited qiegħda tinsisti li l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-azzjoni tal-attur waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sentejn skont l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**, il-kumpanija appellanti titlaq billi tfisser li l-Ewwel Qorti warrbet dik l-eċċezzjoni għar-raġuni żbaljata li l-azzjoni tal-attur kienet waħda għall-ħlas ta' danni li tnisslu minn ksur ta' rabta kuntrattwali.

18. F'dan ir-rigward, Malta Freeport Terminals Limited tosserva li min-naħa tiegħu l-attur naqas milli jsemmi mqar għal darba waħda l-kliem *«kuntratt», «danni kuntrattwali»* jew inkella *«ftehim kollettiv»,* u dan kemm meta ġie biex ifassal ir-rikors maħluf li bih beda l-kawża, u anke fin-nota ta' osservazzjonijiet li ressaq qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Tirraġuna li minn qari ta' dawk l-atti jidher propju li l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni kuntrarja, u sewwasew li d-danni mitluba mill-attur huma msejsa fuq il-ħtija akwiljana u ma ġewx imsejsa fuq xi ksur ta' xi kuntratt.

19. Sabiex issaħħaħ dan, tosserva li fin-nota ta' osservazzjonijiet, l-attur semma sensiela ta' *«culpae»*, fosthom dawk li hija qieset ħażin li huwa kellu produttività baxxa għalfejn sħabu. Iżżid li fl-istess nota ta' osservazzjonijiet l-attur saħansitra speċifika li d-danni mitluba minnu huma *«danni li jemanu mill-aġir illegali u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi»,* u fid-dawl ta' dan tinsisti li l-azzjoni tal-attur hija għalhekk preskritta biż-żmien ta' sentejn kif imniżżel fl-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**.

20. Malta Freeport Teriminals Limited ma waqfitx hawn, u filwaqt li qalet li hija kienet qiegħda tieħu vantaġġ mid-dritt mogħti lilha bl-**Artikolu 732(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fissret li hija kienet qiegħda għall-ewwel darba tqajjem ukoll b'mod formali l-eċċezzjoni

li l-azzjoni tal-attur hija f'kull każ, preskritta biż-żmien ta' ħames snin u dan skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

21. F'dan ir-rigward, Malta Freeport Terminals Limited tfakkar, li f'dan il-każ, l-attur tniżżel mill-grad ta' *«F1 Operator»* fil-jum tat-8 ta' Novembru, 2006, u fuq l-argument li huwa seta' jieħu azzjoni sa minn dakinhar stess jew inkella mill-għada, hija tisħaq li ż-żmien ta' preskrizzjoni telaq jimxi minn dakinhar u dan b'riħet l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**. Iżżid li kien propju dak li seħħ fit-8 ta' Novembru, 2006, li nissel id-danni mitluba mill-attur, u fid-dawl ta' dan, tikkritika l-argument tal-attur li ż-żmien tal-preskrizzjoni telaq jimxi mill-jum li fih irtira.

22. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-attur Raymond Grech jilqa' għal dan kollu billi jinsisti li t-terminu tal-preskrizzjoni telaq jimxi fit-3 ta' Lulju, 2017, u sewwasew fil-jum li fih huwa ħareġ mix-xogħol bl-età tal-pensjoni. Ir-raġunament tal-attur wara dan, huwa li kien propju fil-jum li fih iritra li huwa waqaf iġarrab aktar danni minħabba t-tnaqqis fil-grad, u dan billi sakemm iritira, id-danni mġarrba minnu baqgħu jiżdiedu b'mod kontinwu, sakemm imbagħad waqfu għalkollox meta laħaq l-età tal-irtirar għaliex ma baqax jaħdem aktar.

23. F'dan il-kuntest, l-attur ifakkar li huwa kien ressaq protest ġudizzjarju kontra l-kumpanija konvenuta Malta Freeport Terminals

Limited fil-25 ta' Lulju 2016, u li fl-aħħar mill-aħħar, huwa ressaq din il-kawża fit-28 ta' Awwissu 2017, u għalhekk qabel sentejn u ferm qabel il-ħames snin mil-jum li fih huwa ħareġ bil-pensjoni.

24. B'żieda ma' dan, jirreferi għall-fatt li għalkemm f'xi żmien wara li tniżżel mill-grad ta' *«F1 Operator»,* il-kumpanija Malta Freeport Terminals Limited tagħtu ċ-ċans li jerġa' jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel fil-grad ta' qabel, huwa ma setax jagħmlu għaliex hija naqset milli tagħtih it-taħriġ meħtieġ skont il-proċeduri ta' dik il-kumpanija. Skont l-attur, dan juri li dejjem kien hemm il-possibbiltà li huwa jerġa' jingħata l-grad li kien fih qabel, u li l-jum tat-8 ta' Novembru, 2006, mhuwiex bilfors il-jum li fih huwa kellu jressaq il-kawża.

25. Jissokta billi jfisser li l-eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni ta' ħames snin skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, ma hija xejn għajr tentattiv min-naħa tal-kumpanija konvenuta li tipprova tiggranfa ma' kull tentufa sabiex jekk ma tingħatax raġun minn banda, tingħata raġun mod ieħor. Jinsisti però li tali eċċezzjoni xorta waħda ma tista' twassal lil Malta Freeport Terminals Limited imkien, u dan billi sakemm huwa baqa' jġarrab id-danni, iż-żmien tal-preskrizzjoni ma setax jitlaq jimxi. Itenni li huwa waqaf iġarrab id-danni fil-jum li fih huwa ħareġ mix-xogħol bl-età tal-irtirar, u fid-dawl ta' dan jisħaq li mill-jum tat-3 ta' Lulju, 2017, sal-jum li fih huwa ressaq din il-kawża ma laħqux għaddew ħames snin.

26. F'qafas bħal dan, il-Qorti tqis li qabel xejn għandha titlaq billi tistħarreġ jekk l-artikoli ta' preskrizzjoni li qiegħdin jissemmew mill-kumpanija Malta Freeport Terminals Limited, jgħoddux għal dan il-każ, u dan għaliex fin-nuqqas t'hekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi miċħuda.

27. Kif ingħad sewwa mill-Ewwel Qorti, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li ż-żmien tal-preskrizzjoni għandu jitqies b'referenza għall-azzjoni hekk kif imfassla, u għaldaqstant l-ewwel ħaġa li għandha tagħmel il-Qorti huwa li tixħet ħarsitha lejn ir-rikors maħluf li bih tkun inbdiet il-kawża (ara ***Phyllis Farrugia v. Attard Services Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

28. Dan qiegħed jingħad għaliex fit-tiftix dwar l-għeruq legali tal-azzjoni tal-parti attriċi, dak li jgħodd mhumiex tant it-tifsiriet jew inkella l-bixra li l-partijiet, tajjeb jew ħażin, jippruvaw jagħtu lill-kawża, iżda dak kollu li jitniżżel fil-premessi u b'mod partikolari fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża (ara f'dan is-sens ***Pierre Galea et v. Seaborg Company Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ġunju, 2024). Huma għalhekk il-premessi u t-talbiet li jikxfu l-oġġett u l-għan aħħari tal-kawża, li minnhom imbagħad il-Qorti tkun tista' tislet in-natura vera tal-azzjoni tal-attur.

29. Għalkemm huwa kollu minnu li meta ġie biex iħejji r-rikors maħluf, l-attur ma għamilx xi referenzi partikolari lejn il-kliem *«kuntratt», «danni kuntrattwali»* jew inkella *«ftehim kollettiv»,* kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet, xorta waħda jidher ċar biżżejjed li l-azzjoni tal-attur hija waħda għall-ħlas ta' danni li rriżultaw minn ksur ta' kuntratt u li kollox seħħ fi sfond ta' relazzjoni kuntrattwali ta' impjieg.

30. Tassew, sa mill-ewwel talba tar-rikors maħluf, l-attur talab lill-Qorti sabiex issib li l-ordni dwar it-tnaqqis fil-grad tal-impjieg saret «***bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg***» tiegħu, u huwa propju minħabba f'hekk li fit-tieni talba, l-attur imbagħad talab lill-Qorti sabiex issib li huwa ġarrab id-danni, u fil-kumplament talab il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dawk l-istess-danni.

31. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, f'dan il-każ jirriżulta li l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-attur huma dawk li kien hemm imniżżla fil-ftehim kollettiv (ara klawsola 5 tal-Ftehim Kollettiv, Dok S1, f'paġna 84 tal-atti tal-kawża), u billi fih innifsu, ftehim kollettiv, huwa meqjus bħala kuntratt li jorbot lill-klassi tal-ħaddiema li huwa għalih jirreferi (ara ***Dennis Francalanza v. HSBC Bank Malta plc*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023), isegwi li t-talba għall-ħlas tad-danni hija tabilħaqq imsejsa f'qafas ta' ksur ta' kuntratt u mhux dwar il-ħtija akwiljana.

32. Huwa għalhekk għalxejn li Malta Freeport Terminals Limited għadha tinsisti li l-azzjoni tal-attur hija mibnija fuq il-ħtija akwiljana u mhux dik kuntrattwali, u dan anke għaliex kif ingħad fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Joseph Busuttil v. Emmanuele Schembri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kummerċjali), fid-19 ta' Frar, 1954: *«meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kuntrattwali»* (ara wkoll f'dan l-istess sens il-*locus classicus* dwar dan is-suġġett: ***Gaetano Spiteri v. Thomas sive Tom Castle*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Settembru, 1965).

33. F'dan il-każ, l-attur mhux talli qiegħed jgħid li l-ħtija għad-danni tnisslet minn xi fatt li huwa indipendenti għalkollox mir-relazzjoni ta' impjieg li kienet teżisti bejn il-partijiet; anzi qiegħed jallega li l-ħsara kollha mġarrba minnu seħħet sewwasew minħabba l-ksur ta' dak l-istess rapport kuntrattwali.

34. Huwa għalhekk altru milli l-azzjoni tal-attur hija msejsa fuq il-ħtija akwiljana. U billi l-preskrizzjoni ta' sentejn hekk kif imniżżla fl-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** tapplika biss f'qafas bħal dak, u mhux f'kuntest fejn il-ħsara tiġri b'konsegwenza diretta ta' xi rapport kuntrattwali, inkluż dak ta' impjieg (ara f'dan is-sens ***Salvatore La Rose De Cristoforo noe v. Henri Rouselle noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kummerċjali) fis-17 ta'

Frar, 1936 u ***Grace Gatt v. Kummissarju tal-Pulizija*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2023), il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti Malta Freeport Terminals Limited mhuwiex mistħoqq u għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

35. Malta Freeport Terminals Limited però ma waqfitx hawn, u kif ingħad qabel, fir-rikors tal-appell hija qajmet eċċezzjoni ulterjuri li biha qalet li l-azzjoni tal-attur hija, f'kull każ, preskritta biż-żmien ta' ħames snin, u dan b'riħet l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

36. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li hemm bosta elementi x'jiġu sodisfatti għat-tħaddim tal-**Artikolu 2156(f)** li jirreferi għal dawk l-azzjonijiet: *«għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunux jirriżulta minn att pubbliku.»*

37. Fl-ewwel lok, huwa mifhum li l-frażi *«kull kreditu ieħor ... minn ħwejjeġ oħra»*, tiġbor fiha kemm krediti li jitnisslu minn rabtiet kuntrattwali jew kważi-kuntrattwali, kif ukoll krediti li huma mnissla mil-liġi jew minn kawżi oħra li kapaċi jagħtu lok għall-kreditu li jista' jinġabar b'azzjoni (ara ***Francis Paris et v. Maltacom plc*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2008). F'kull każ tali krediti għandhom però bilfors jirreferu għall-

kreditu ta' flus, jew inkella jkollhom l-istess natura ta' flus, u ma jkunux dwar it-twettiq ta' xi obbligazzjoni *di fare* (ara f'dan is-sens ***Western Company Limited v. Salvu Pisani et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2023, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija).

38. F'dan ir-rigward, huwa aċċettat li fost l-azzjonijiet għall-ħlas ta' dawk il-krediti li jaqgħu taħt il-kappa ta' *«kull kreditu ieħor»* fil-kuntest tal-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, hemm dawk dwar il-ħlas ta' danni li jitnisslu minn ksur ta' rapport kuntrattwali — fosthom dawk dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet f'kuntratt ta' impjieg.

39. Tassew, ingħad kemm-il darba, li t-terminu ta' preskrizzjoni li jgħodd għal dawk l-azzjonijiet għall-ħlas ta' ħsara mnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni li ma tkunx imfissra f'att pubbliku, huwa dak li nsibu mniżżel fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, u sewwasew dak ta' ħames snin (ara f'dan is-sens: ***GasanMamo Insurance Limited v. Mario Seguna et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, ***Phyllis Farrugia v. Attard Services Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Joseph Stivala v. Prof. Joseph Colombo A&CE*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar, 1959).

40. L-istess ingħad fil-każ ta' ***Charles Belli v. Dr. Paul Mallia et nomine*** deċiż mill-Qorti tal-Kummerċ, fis-27 ta' Ġunju, 1975, li bħal f'dan

il-każ, l-attur kien fittex lill-prinċipal li kien iħaddmu għall-ħlas ta' danni li qal li ġarrab b'konsegwenza tal-ksur tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu.

41. Qajla għandu jkun hemm għalhekk xi dubju li l-azzjoni tal-attur taqa' fil-qafas ta' *«kull kreditu ieħor»* fit-termini tal-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, u dan anke għaliex, f'dan il-każ, l-attur ma talabx lill-Qorti sabiex tqiegħdu mill-ġdid fil-kariga li kellu qabel, iżda talab biss il-ħlas tal-flus li allegatament tilef b'konsegwenza tat-tnaqqis fil-grad minn *«F1 Operator»* għal *«F Equipment Operator.»*

42. L-ewwel element skont l-**Artikolu 2156(f)** huwa għalhekk sodisfatt.

43. Jifdal però żewġ elementi oħra sabiex il-Qorti tkun tista' tikkonkludi b'mod definittiv li l-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f)** għandha tabilħaqq issib applikazzjoni f'dan il-każ. Dawn huma: (i) li l-kreditu ma jridx ikun ġej minn kuntratt pubbliku; u (ii) li tali kreditu ma jridx ikun milqut minn preskrizzjoni li hija iqsar minn dik ta' ħames snin (ara ***John Camilleri v. Maria Camilleri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

44. Fil-fehma tal-Qorti, iż-żewġ elementi li għadhom kif issemmew huma t-tnejn sodisfatti, u dan billi fl-ewwel lok, il-kundizzjonijiet ta' impjieg li l-attur qiegħed jgħid li nkisrulu mill-Malta Freeport Terminals Limited joħorġu mill-ftehim kollettiv li m'għandux il-formalitajiet ta' kuntratt

pubbliku (ara Dok SV1, minn paġna 81 sa 141 tal-atti tal-kawża), u fit-tieni lok ma hemm l-ebda terminu ieħor ta' preskrizzjoni li huwa iqsar minn ħames snin li huwa applikabbli għax-xorta ta' azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha.

45. Il-preskrizzjoni ta' ħames snin kif imniżżla fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili** hija għalhekk tabilħaqq applikabbli għal dan il-każ.

46. B'daqshekk però ma jfissirx li l-eċċezzjoni ulterjuri ta' Malta Freeport Terminals Limited hija mistħoqqa, u l-pass li jmiss huwa li naraw jekk il-kumpanija konvenuta ġabitx prova dwar minn meta telaq jimxi l-perjodu preskrittiv ta' ħames snin. Tali prova hija essenzjali għaliex mingħajrha, min ikun imsejjaħ sabiex jiddeċiedi, ma jkun jista' qatt jasal għall-konklużjoni jekk iż-żmien tal-preskrizzjoni jkunx tabilħaqq għadda jew le (ara ***Anthony Camilleri et v. Albert Camilleri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ġunju, 2024).

47. Hawnhekk għandu jingħad li skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi, iż-żmien tal-preskrizzjoni għandu jitlaq jimxi mill-jum li fih ikun seħħ il-fatt li minnu jirriżulta d-dannu jew inkella jkun twieled il-jedd ta' kreditu (ara b'eżempju ***Banchiere Scicluna nomine v. Ammiraglio Sir Tracey, K.C.B. nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fit-22 ta' Ġunju 1900 u ***Francis Spiteri et v. Charles Darmanin et*** mogħtija mill-Qorti tal-

Appell fis-26 ta’ Ġunju, 2015).

48. Barra minn hekk, hija l-liġi stess li fl-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili** tispeċifika li ż-żmien ta’ preskrizzjoni għandu jitlaq jimxi: *«minn dakinhar li din l-azzjoni tista’ tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.»*

49. Dwar dan l-artikolu tal-aħħar, ingħad li: *«t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur, u ċjoè jekk din kinitx jew le f’kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni»* (ara ***Raphael Micallef v. Anthony Agius*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 2000). Ġie wkoll imfisser li: *«iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali»* (ara ***Joseph Stivala v. Prof Joseph Colombo A&CE*** mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta’ Jannar, 1959).

50. Huwa għalhekk miżmum li ż-żmien tal-preskrizzjoni jitlaq jimxi indipendentement mill-fatt jekk l-attur ikunx jaf bid-drittijiet tiegħu jew le. Fi kliem ieħor, l-injoranza tad-dritt jew in-nuqqas ta’ għarfien tal-liġi, mhumiex ta’ xkiel biex iżommu l-preskrizzjoni milli titlaq timxi (ara ***George Grixti v. Josephine Micallef*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Novembru, 2017).

51. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji kollha għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li Raymond Grech mhuwiex qiegħed jgħid sewwa, li ż-żmien ta' preskrizzjoni ma setax jitlaq jimxi qabel il-jum li fih huwa ħareġ mix-xogħol bl-età tal-irtirar, għaliex skontu kien biss minn dakinhar li huwa waqaf iġarrab id-danni.

52. Kif anke mistqarr mill-attur stess fir-raba' u fis-sitt premessi tar-rikors maħluf li bih beda din il-kawża, id-danni li huwa qiegħed jallega li ġarrab seħħew b'konsegwenza diretta tad-deċiżjoni li biha huwa tniżżel mill-grad ta' *«F1 Operator»* għall-grad ta' *«F Equipment Operator.»*

53. Mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta li tali deċiżjoni ttieħdet darba waħda biss fil-jum tat-8 ta' Novembru, 2006, u ma baqgħetx tittieħed perjodikament sakemm irtira (ara t-tielet paragrafu tal-affidavit tal-attur Raymond Grech f'paġna 24 tal-atti tal-kawża, kif ukoll 'Dok JP1' f'paġna 36 tal-atti tal-kawża, li huwa kopja ta' korrispondenza bil-miktub li nbagħtet minn John Portelli fil-jum tat-8 ta' Novembru, 2006).

54. Huwa daqstant ieħor rilevanti li d-deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2006 daħlet fis-seħħ b'effett immedjat, u ma kinitx soġġetta għal xi stħarriġ ieħor. Tant hu hekk li huwa u jixhed fil-kontroeżami, l-attur stess stqarr li fil-laqgħa li kellhom dakinhar, id-Direttur Joe Portelli kien avżah li huwa

kien qiegħed jitneħħa mill-grad li kellu *«minn issa»* (ara l-kontroeżami ta' Raymond Grech f'paġna 184 tal-atti tal-kawża kif ukoll paragrafu 6 tal-affidavit tal-istess Raymond Grech, f'paġna 24 tal-atti tal-kawża). Bħala fatt, jirriżulta wkoll minn dakinhar 'il quddiem li l-attur qatt ma reġa' ngħata lura l-grad ta' *«F1 Operator».*

55. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu juri li mill-jum tat-8 ta' Novembru 2006 'il quddiem, l-attur ma kellu xejn xi jxekklu milli jieħu azzjoni kontra l-kumpanija konvenuta sabiex iħares id-drittijiet tiegħu, u għaldaqstant il-Qorti tqis li l-attur ma jistax jippretendi li l-preskrizzjoni ma setgħetx tibda tgħaddi sakemm huwa ħareġ mix-xogħol bl-età tal-irtirar, u dan fuq il-premessa ħażina li kien biss minn dakinhar li huwa waqaf iġarrab id-danni.

56. Kif ingħad minn din il-Qorti f'każ ieħor li fih tqajmu argumenti li jixbħu lil dawk tal-attur, tali argument mhuwiex fejjiedi għaliex bl-istess argument, kull min ikun ġarrab il-ħsara fuq ġismu u jibda jbati minn diżabbiltà ta' sura permanenti, ikun jista' jiftaħ l-azzjoni meta jrid u dan billi l-effetti tad-danni jibqa' jġarrabhom għomru kollu (ara ***George Galea et v. Kummissarju tal-Pulizija*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2012). Naturalment, dan ma jista' jkun qatt il-każ, għaliex dak li jħoll u jorbot kollox għall-għanijiet tat-tluq taż-żmien tal-preskrizzjoni huwa l-jum li fih ikun seħħ il-fatt illeċitu li minnu mbagħad jirriżultaw id-danni

(ara ***Francis Spiteri et v. Charles Darmanin et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2015).

57. Fuq kollox, il-Qorti jidhrilha li ma huwa xejn ġust u sewwa li wara li l-attur għamel aktar minn għaxar snin bi kwietu jaħdem bħala *«F1 Equipment Operator»,* stenbaħ f'daqqa waħda, u ppretenda li kellu jitħallas għal għaxar snin b'lura ta' xogħol li huwa ma għamilx bħala *«F1 Operator»,* inkluż ta' sahra li huwa qatt ma ħadem!

58. Fis-sewwa, l-għan wara l-preskrizzjoni estintiva huwa propju biex jiġu evitati każijiet bħal dawk tal-lum, fejn l-attur joqgħod b'idu fuq żaqqu ma jagħmel xejn, imbagħad wara ħafna żmien jistenbaħ u jitħajjar li jieħu azzjoni.

59. Huwa tabilħaqq mifhum li l-filosofija legali li tiġġustifika l-preskrizzjoni hi li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu magħluqa (ara ***Kooperattiva tal-Coaches (Koptaco) Ltd v. Thomas Smith Insurance Agency Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2023 u ***Dr. John Cassar et v. Tarcisio Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' April, 2007).

60. Tassew, il-liġi ma tistax tippermetti illi tilwimiet jibqgħu mdendlin mingħajr ma jingħalqu. Dan mhux biss għax fih innifsu jista' jkollu effett

negattiv soċjali u legali, iżda wkoll mil-lat prattiku, għax aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar isir diffiċli biex jitressqu dawk il-provi meħtieġa biex issir -ġustizzja (ara ***Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma v. Oil and Construction International Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2004 u ***Albert Camilleri v. Dr. Richard Galea Debono*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiza fl-1 ta' Lulju 1997).

61. Il-preskrizzjoni estintiva hija għaldaqstant mezz sabiex wieħed jinħeles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu fiż-żmien li tagħtih il-liġi (ara **Artikolu 2107(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u ***L-Avukat Dr. Malcom Mifsud et v. OpusTrust Sp. z.o.o*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Huwa wkoll minħabba f'hekk mifhum li l-istitut tal-preskrizzjoni estintiva huwa maħsub biex jikkastiga lil min ikun traskurat fil-ħarsien tal-jeddijiet tiegħu u li jħalli sospiżi u pendenti għal żmien twil wisq ir-relazzjonijiet legali tiegħu mad-debitur (ara ***Anna Maria Mallia v. Anais Dalmas et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju, 1928).

62. Iż-żmien ta' ħames snin kif imsemmi fl-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, telaq għalhekk jimxi mill-jum tat-**<u>8 ta' Novembru, 2006</u>**, u mhux mill-jum li fih irtira l-attur.

63. Issa li ġie determinat il-jum li minnu telaq jimxi ż-żmien tal-

preskrizzjoni, jifdal li naraw jekk tali żmien ġiex b'xi mod jew ieħor imxekkel milli jibqa' għaddej jew inkella nkisirx u reġax beda għaddej mill-ġdid minn xi jum ieħor, minħabba xi għemil tal-partijiet li seta' jwassal għas-sospensjoni, l-interruzzjoni, jew saħansitra r-rinunzja taż-żmien preskrittiv li jkun laħaq għadda.

64. Tajjeb jingħad, li fost iċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi li jiksru l-preskrizzjoni, wieħed isib it-talba b'att ġudizzjarju (ara l-**Artikolu 2131 tal-Kodiċi Ċivili**), l-għarfien tal-jedd mill-parti li kontra tagħha kien għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni (ara l-**Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili**), jew il-ħlas b'akkont (ara l-**Artikolu 2134 tal-Kodiċi Ċivili**).

65. Hawnhekk, wieħed għandu jżomm f'moħħu li huwa l-attur li kellu jressaq prova ta' xi waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li għadhom kif issemmew. Dan għaliex ġaladarba huwa ressaq il-kawża fis-27 ta' Awwissu 2017, u għalhekk ferm wara li għalaq il-perjodu ta' ħames snin li beda għaddej mit-8 ta' Novembru 2006, kien imiss lilu li juri li huwa ressaq il-kawża fiż-żmien mitlub mil-liġi (ara ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019 u ***Ramel u Żrar Limited v. Schembri & Sons Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Mejju, 2018).

66. Bla tlaqiq jingħad li l-attur ma rnexxilux juri li l-preskrizzjoni ta'

ħames snin ma għalqitx fil-jum tad-9 ta' Novembru, 2011.

67. L-unika azzjoni li l-attur jidher li ħa fiż-żmien ta' bejn is-snin 2006 sas-sena 2011, kienet biss li mar jilmenta ma' Gejtu Vella li f'dak iż-żmien kien il-kap tal-union li fiha kien imsieħeb. Waqt li xehed fil-kontroeżami, l-attur però ammetta li huwa lanqas biss ma kien jaf jekk Gejtu Vella kienx tabilħaqq wassal l-ilment tiegħu mal-prinċipal tiegħu, u saħansitra stqarr li wara ċertu żmien huwa kien beda jaqta' qalbu, u fl-aħħar deherlu li l-union ma kinitx iddefendietu, tant li għal xi s-sena 2014 huwa mar ikellem lil union oħra dwar il-każ tiegħu (ara l-kontroeżami ta' Raymond Grech fuq minn paġna 184 sa paġna 187 tal-atti tal-kawża, kif ukoll ix-xhieda ta' Sandro Vella, fuq id-dahar ta' paġna 76 tal-atti tal-kawża).

68. Barra minn hekk, John Portelli, li kien il-persuna li ħa d-deċiżjoni inkwistjoni, xehed li sakemm huwa baqa' jaħdem mal-Malta Freeport Terminals Limited u sewwasew sas-sena 2007, ħadd mill-union ma kien qatt mar ikellmu dwar il-każ tal-attur u dan minkejja li huwa kien ikollu ħafna laqgħat mal-uffiċjali tal-istess union. Qal ukoll li min-naħa tiegħu, l-attur lanqas ma kien ressaq xi ilment quddiemu (ara x-xhieda ta' John Portelli f'paġna 242 tal-atti tal-kawża, kif ukoll il-kontroeżami tal-istess xhud f'paġna 246 tal-atti tal-kawża).

69. Sfiq ma' dan, l-Avukat Duncan Borg Myatt, li jidher li daħal fix-xena

wara John Portelli bħala direttur tar-riżorsi umani mal-kumpanija konvenuta xehed, li minn mindu beda jaqdi f'dik il-pożizzjoni sa mis-sena 2008, huwa qatt ma rċieva xi ilment min-naħa tal-attur, u lanqas biss kien jaf li dan kellu xi problema (ara x-xhieda ta' Dr. Duncan Borg Myatt, fuq dahar il-paġna 189 tal-atti tal-kawża). Barra minn hekk, fl-istqarrija maħlufa li ressaq flimkien mat-tweġiba maħlufa għall-kawża, Borg Myatt qal li kien biss fis-sena 2016, li għall-ewwel darba sar jaf bl-ilmenti tal-attur, u dan wara li rċieva l-protest ġudizzjarju (ara paragrafu 4, f'paġna 11 tal-atti tal-kawża).

70. Mhux b'inqas rilevanti huwa mbagħad il-fatt, li minbarra l-protest ġudizzjarju bin-numru 259/16, li mit-timbru li hemm stampat fuqu jidher li tressaq fil-25 ta' Lulju, 2016 (ara Dok RG4, f'paġna 20 tal-atti tal-kawża), l-attur ma ta' l-ebda ħjiel li huwa ressaq xi att ġudizzjarju ieħor qabel dak iż-żmien — anzi huwa stess ikkonferma li ma kienx mar ikellem lill-avukati (ara l-kontroeżami ta' Raymond Grech, fuq id-dahar ta' paġna 184 tal-atti tal-kawża).

71. Kollox għalhekk juri li ż-żmien tal-preskrizzjoni ma setax ġie miksur jew sospiż sakemm għalaq fid-9 ta' Novembru, 2011.

72. Lanqas ma jista' jingħad li l-attur ressaq xi prova li biha wera li l-kumpanija konvenuta għarfet il-jeddijiet li qiegħed jgħid li kellu, jew

inkella, b'xi mod jew ieħor, irrinunzjat għall-preskrizzjoni. Tassew, anke jekk huwa minnu li xi sena wara minn meta huwa kien tniżżel mill-grad ta' *«F1 Operator»* huwa kien intalab mill-kamra tal-kontroll tal-Freeport sabiex jerġa' jitla' jsuq il-krejn, fil-verità dan il-fatt ma seta' biddel xejn, u dan billi mill-provi jirriżulta li l-uffiċjal li seta' tah dik l-istruzzjoni ma kienx awtorizzat mill-kumpanija konvenuta sabiex jagħmel hekk (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Frankie Azzopardi f'paġni 50 sa 51 tal-atti tal-kawża, il-kontroeżami tal-istess xhud f'paġna 68 tal-atti tal-kawża, u x-xhieda ta' John Portelli f'paġna 243 tal-atti tal-kawża) u fl-aħħar mill-aħħar huwa la tela' fuq il-krejn u wisq inqas ma reġa' qatt ittella' fil-grad ta' *«F1 Operator»* jew inkella ġie mwiegħed li kien sejjer jerġa' jiġi mqiegħed f'dak il-grad.

73. Tħares minn fejn tħares jirriżulta li l-attur ma ressaqx din il-kawża f'waqtha u jiġi b'hekk li l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Malta Freeport Terminals Limited hija mistħoqqa.

74. Għalkemm din il-konklużjoni sejra twassal lill-Qorti biex tilqa' l-appell tal-Malta Freeport Terminals Limited, kif ukoll sejra ġġib magħha l-konsegwenza li s-sentenza appellata sejra jkollha tiġi mħassra għalkollox, il-Qorti jidhrilha li hija l-kumpanija Malta Freeport Terminals Limited stess li għandha tbati l-ispejjeż kollha tal-appell ewlieni kif ukoll dawk marbuta mal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti, u dan billi kienet

hi li ħalliet sa dan l-istadju biex qajmet l-eċċezzjoni li l-azzjoni tal-attur waqgħet bil-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

75. Fl-aħħar nett u sa fejn għandu x'jaqsam mal-appell inċidentali ta' Raymond Grech, il-Qorti tqis li dak l-appell ma jista' jkun qatt ta' fejda għalih ġaladarba din il-Qorti qiegħda tikkonkludi li l-azzjoni tiegħu waqgħet bil-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra tkun qiegħda tiċħad l-appell inċidentali, u tordna lill-attur sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha marbuta ma' dak l-appell, kemm għaliex huwa ħalla ħafna żmien jgħaddi sakemm huwa ressaq din il-kawża, kif ukoll għaliex meta ġie biex iressaq l-appell inċidentali, huwa kien diġà jaf li fl-appell ewlieni, Malta Freeport Terminals Limited kienet issa qiegħda tqajjem l-preskrizzjoni ta' ħames snin skont l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell inċidentali tal-attur Raymond Grech, filwaqt li **tilqa'** l-appell ewlieni imressaq minn Malta Freeport Terminals Limited, u b'hekk, tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' April, 2021, u minflok: (i) tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri ta' Malta Freeport Terminals Limited imqajma fl-appell ewlieni tagħha billi ssib li l-azzjoni tal-attur waqgħet bil-

preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**, u (ii) teħles lil Malta Freeport Terminals Limited milli tibqa' aktar fil-kawża.

L-ispejjeż kollha tal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll tal-appell ewlieni għandha tagħmel tajjeb għalihom il-kumpanija konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu kollha mill-attur Raymond Grech.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da